**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022</u>**

**<u>Rikors nru: 587/2021 AGV :</u>**

**DF**

**u**

**CF**

**Il-Qorti rat ir-Rikors ta' DF u C datat 30 ta' Novembru 2021 fejn esponew bir-rispett u bil-gurament taghhom ikkonfermaw:**

1. Illi l-partijiet zzewgu fit- 30 ta' April 2006 gol-Parrocca ta' Haz-Zabbar, liema zwieg gie registrat fir-registru Pubbliku ta' Malta that in-numru

progressive; 417/2006 u dana kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru ta' registrazzjoni; 017630, hawn annessa, mmarkat Dok. A;

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni ta' akkwisti bejniethom effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Sean Critien tas- 6 ta' Ottubru 2014, hawn anness, u mmarkat Dok B , kif debitament awtorizzat permeza ta' digriet moghti mill -Qorti Civili ( sezzjoni tal-Familja) datat 5 ta' Awwissu 2014 wara li kienu ilhom zmien separate de facto ;
3. Illi minn daz-zwieg huma kellhom tifla K li hija minorrenni u li l-kundizzjonijiet rigward access tal-imsemmi minuri kif ukoll il-manteniment taghha gie regolat permezz ta' kutratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi;
4. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni benjeniethom state li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u jghixu f' abitazzjonijiet differenti ;
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jisodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili , tal-Ligijiet ta' Malta**.**

**Galdaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dil-Onorabbli Qorti sabiex;**

1. Tippronzunja d-divorzju, ossija l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat.

**Bl-ispejjez jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**